KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41

Data tal-laqgħa: 4 ta' Ottubru, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**41/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**41/01/01** Ma kienx hemm.

**41/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 40**

**41/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**41/02/02** **Para 40/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li stima għal *camera* fil-Ġnien ta' Żagħruna hija ta' €138.00 imma jonqos l-istima għal 4 Channel DVR, cables & installation.

**41/02/03** **Para 40/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**41/02/04** **Para 40/02/04:** Is-Sindku qalet li ġimgħa l-oħra reġgħet ċemplet l-uffiċċju tal-Onor. Dr Clifton Grima fuq il-ground ta' Xwieki.

**41/02/05** **Para 40/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**41/02/06** **Para 40/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal darb'oħra talbet laqgħa mal-Lands Authority fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**41/02/07** **Para 40/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-Inġinier jonqsu jibgħat xi dokumenti fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**41/02/08** **Para 40/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq l-ittra-e rigward il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl, il-Planning Authority qalet li huma ma jgħattux permessi għal arbli jekk ma jkunux ġo triq. Skont KAP 363 - Att Dwar Kunsilli Lokali "triq" tinkludi kull triq, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku. Għaldaqstant, ġie deċiż li nibagħtu ittra bl-Avukat u Sur Christopher Fenech ressaq li nġibu stima mingħand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41/02/09** **Para 40/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku ltaqgħet ma' Prof. Alex Torpiano minn Din l-Art Ħelwa fuq il-possibbiltà biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**41/02/10** **Para 40/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal darb'oħra talbet laqgħa mal-Lands Authority fuq tal-Ferħa Estate.

**41/02/11** **Para 40/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech ser iġġib stima sabiex il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero tittranġa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41/02/12** **Para 40/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**41/02/13** **Para 40/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**41/02/14** **Para 40/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*isleeping police* ta' Triq Caravaggio tresqet sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**41/02/15** **Para 40/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**41/02/16** **Para 40/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *bollard* tal-ħadid għal sqaq fi Sqaq Charlotte.

**41/02/17** **Para 40/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division għadhom ma għaddewniex l-4 bankijiet.

**41/02/18** **Para 40/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court hemm kwistjoni.

**41/02/19** **Para 40/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tlabna l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti lis-Soċjetà tal-Museum.

**41/02/20** **Para 40/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa għadha ma saritx.

**41/02/21** **Para 40/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* qrib Fairytales & Fables childcare centre fi Sqaq Ħofra saru.

**41/02/22** **Para 40/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Tramuntana dalwaqt se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED).

**41/02/23** **Para 40/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex tkun tista' ssir bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania.

**41/02/24** **Para 40/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont Transport Malta ma tistax isir linja bajda fin-nofs ta' Triq Caravaggio.

**41/02/25** **Para 40/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella 'Merħba Għargħur' fi Triq Santa Katerina saret.

**41/02/26** **Para 40/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir passaġġ bil-*bollards* li jagħti għaż-żuntier tal-knisja.

**41/02/27** **Para 40/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-Perit it-taraġ tal-ewwel sulur ta' Ġnien il-Paċi ma jistax isir nofsu taraġ u nofsu rampa.

**41/02/28** **Para 40/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fanali l-ġodda waslu llum u li ser jeħel fanal ġdid fi Triq K. Zarb.

**41/02/29** **Para 40/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida ma' arblu eżistenti quddiem l-Oratorju qed taħdem.

**41/02/30** **Para 40/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**41/02/31** **Para 40/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* ħdejn u faċċata tal-garaxx fi Sqaq numru 1 fi Triq San Ġwann saru.

**41/02/32** **Para 40/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa mal-Inġinier ta' Galea Curmi biex tara jekk tistax issir bozza mal-ħajt fi Sqaq tal-Ferħa.

**41/02/33** **Para 40/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nfurmat lill-Perit rigward il-ħsara li tista' ssir lil pont ta' Wied id-Dis.

**41/02/34** **Para 40/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ta' *sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb għadha ma saritx.

**41/02/35** **Para 40/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex tistaqsi jekk tistax issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**41/02/36** **Para 40/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Cuschieri beda jieħu ħsieb is-servizz ta' tindif tal-latrina pubblika.

**41/02/37** **Para 40/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mil-lista ta' kandidati (Part 3) għal Vakanza ta' skrivan intagħżel is-Sur George Debono.

**41/02/38** **Para 40/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta għadha ma approvatx li jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb.

**41/02/39** **Para 40/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet l-abbozz tal-fuljett tal-Kunsill.

**41/02/40** **Para 40/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li flimkien ma' Sur Chris Falzon qed taħdem fuq is-sejħa għal *Architectural lighting*.

**41/02/41** **Para 40/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* quddiem 'Spiteri Garage' fi Triq Caravaggio sar.

**41/02/42** **Para 40/05/05:** Resident talab li jsir *double yellow line* quddiem 'Caruana Gardens' fi Triq San Gwann. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* ma sarx għax Transport Malta kienet diġà approvat 1.5 *Keep clear bay*.

**41/02/43** **Para 40/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Avukat kellu jikteb ittra lil Dr Norma Vella Bardun għan-nom u fl-interess ta' resident li joqgħod fi Triq Isqof Tumas Gargallo rigward ħsara fl-*inspection box* li tinsab fuq il-bankina fil-parti tan-nofs it-triq, li hija għall-*water services drain pipe* prinċipali u li din il-problema ġejja mit-triq.

**41/02/44** **Para 40/05/12:** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Mons. Luigi Catania. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li x-xogħol sar.

**41/02/45** **Para 40/05/14:** Fuq it-talba ta' resident għal tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq Santa Marija taż-Żellieqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol ser isir mill-ħaddiema tad-Dipt. tad-Distretti.

**41/02/46** **Para 40/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntattja lill-Kappillan fuq it-talba ta' resident biex jiġu organizzati xi *tours* fl-erba' kappelli. Skont il-Kappillan ix-xogħol fil-kappelli għadu għaddej.

**41/02/47** **Para 40/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**41/02/48** **Para 40/05/18:** Fuq it-talba ta' residenta biex jitneħħa *double yellow line* quddiem 154/156 Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 1 meter *double yellow line* mill-garaxxijiet baqa' u l-bqija tneħħa.

**41/02/49** **Para 40/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil tar-Restoration Directorate biex jirranġaw il-blata ta' Torri tas-Semaforu.

**41/02/50** **Para 40/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-jiem li ġejjin ix-xelter ser jitgħatta.

**41/02/51** **Para 40/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*rain water culverts* tnaddfu.

**41/02/52** **Para 40/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ktieb *Colours of the North* (Reġjun Tramuntana) qed jinbiegħ €35 (*soft bound*) u €50 (*hard bound*).

**41/02/53** **Para 40/05/24:** Is- Segretarju Eżekuttiv infurmat lil ERA li fi Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa tad-Duluri qed isiru xogħlijiet mhux skont il-permess PA/09467/19 u jista' jkun li qed issir ħsara ambjentali peress li ODZ. Is-Sur Abraham Aquilina spjega li l-ħamrija intefgħet fuq il-blat u li l-ħitan ma sarx skont il-permess.

**41/02/54** **Para 40/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella li turi d-direzzjoni lejn il-Belt Valletta u San Ġwann fi Triq Caravaggio.

**41/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**41/03/01** Is-Sindku qalet li ERA qed titlob lil Kunsill sabiex jiddiskuti siti adegwati biex fihom jiġi installat ir-Recycling Points. Il- Kunsill qabel unanimament li nipproponu li Recycling Points jitpoġġew fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Birguma.

**41/03/02** Is-Sindku qalet li tkellmu magħha xi persuni mill-Primary Health Care biex jinsab post alternattiv għal berġa. Il-Kunsill qabel unanimament li noffru l-kamra li tinsab biswit l-iskola. Barra minn hekk, is-Sur Christopher Fenech ippropona li jinbena sular ieħor biex ikun hemm aktar spazju.

**41/03/03** Is-Sindku qalet li l-vaċċin ser jingħataw mis-Sala tal-Kunsill.

**41/03/04** Is-Sindku resqet li nibagħtu No Objection fuq PA/01509/08 Quarry 5, Triq Santa Katerina, ix-

Xwieki, Limits of, Għargħur. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41/03/05** Is-Sindku qalet li l-skrivan is-Sur George Debono ser jibda nhar l-14 ta' Ottubru 2021.

**41/03/06** Is-Sindku qalet li l-*President's Solidarity Fun Run* ħa ssir nhar l-14 ta' Novembru 2021.

**41/03/07** Is-Sindku resqet li nibagħtu *right of reply* kif ukoll ittra legali lis-Sur Michael Pace Ross fuq artiklu li ġie ppubblikat fi Times of Malta nhar l-4 ta' Ottubru bi titlu "The Għargħur Land Fallacy". Kien hemm qbil unanimu.

**41/03/08** Is-Sindku resqet li ssir *u-bar* quddiem razzett fi Triq in-Naxxar. Is-Sur Carl Grech qal li rridu noqogħdu attenti peress li triq dejqa. Ġie deċiż li nieħdu parir minn Transport Malta. Barra minn hekk is-sid talab mera faċċata spejjeż għalih. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41/03/09** Is-Sindku u l-Kunsilliera iddiskutew fi dettall il-programm ta' attivitajiet marbuta mal-applikazzjoni Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021.

**41/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**41/04/01** Ma kienx hemm.

**41/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**41/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Settembru 2021).

**41/05/02** Ġiet innutata petizzjoni biex jitneħħa *double yellow line* quddiem 154/156 Triq Caravaggio.

**41/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' Settembru 2021).

**41/05/04** Fuq it-talba biex ikun hemm iktar dawl fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax ma hemmx linja tad-dawl.

**41/05/05** Fuq it-talba biex il-*bus stop* ta' Triq Caravaggio ħdejn Pearl Court jersaq. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**41/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8556 – Ma ġiex approvat reserved parking bay fi Triq Vendome għax ma hemmx aktar minn 50 metru l-bogħod, barra minn hemm parkeġġ riservat li tista' tintuża minn kull min għandu l-Karta l-Blu.

**41/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8502 – Ġie approvat reserved parking bay fi Triq Caravaggio għal sena.

**41/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Settembru 2021).

**41/05/09** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 8278 – Ġie approvat reserved parking bay fi Triq Mons Luigi Catania għal sena.

**41/05/10** Ċirkulari numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi japprova l-applikazzjoni.

**41/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – L-applikant applika għal 1.5m Keep Clear

Bay quddiem għalqa fi Triq San Ġwann, Għargħur.

**41/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Settembru 2021).

**41/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava Ċir AKL 2021/095 MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-xogħlijiet Pubbliċi.

**41/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' Settembru 2021).

**41/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Svetlick Flores mill-LESA – Fondi Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022).

**41/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-wardens fejn qed jitolbu sabiex parti minn Triq Mons Luigi Catania tiġi *one-way*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**41/05/17** Fuq it-talba għal *parking bays* f'parti minn Triq Fra D. Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament.

**41/05/18** Is-Sur Abraham Aquilina qal li s-Sur Ronnie Gauci jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill rigward il-ktieb nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru fl-10:00am.

**41/05/19** Is-Sur Aquilina qal li xi ħadd talbu li l-Kunsill jgħaddi *bye-law* biex is-sidien tal-klieb jitfgħu ilma bi diżinfettant wara li kelb tagħhom iħammeġ. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**41/05/20** Is-Sur Aquilina qal li fi 6 ta' Ottubru Reġjun Tramuntana ser jiltaqa' mal-Marigold Foundation.

**41/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jingħata *token* lil Għaqda Dwal Ġodda fl-għeluq il-50 sena ta' teatru.

**41/05/22** Is-SE ser titlob laqgħa mal-Contracts Manager nofs siegħa qabel il-laqgħa li jmiss.

## 41/06 Ġbir ta' skart riċiklat

**41/06/01** Is-SE qalet li ser toħroġ komunikat liż-żewġ skemi (Green MT Ltd u GreenPak COOP) sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom għal ġbir ta' skart riċiklat.

## 41/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**41/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

## 41/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**41/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:35p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 4 ta' Ottubru 2021 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |